**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 25 ta' Frar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Carmel Mallia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Carmel Mallia detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 211974M, akkuzat talli:

Nhar l-21 ta' Settembru 2019 ghal habta ta' bejn l-ghaxra (22:00Hrs) u l-hdax u ghoxrin (23:20Hrs) ta' filghaxija gewwa Birkirkara: -

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura Hafifa fuq il-persuna ta' martu Claudette Mallia Farrugia skond kif gie iccertifikat minn Dr.Tracey Lee Vidal Numru tar-Registrazzjoni 3072 ta` Centru tas-Sahha Mosta;

U aktar talli fil-21 ta' Settembru 2019 u/jew fil-granet u xhur ta' qabel gewwa Birkirkara u f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

2. Ta` Fastidju lil martu Claudette Mallia Farrugia b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna;

3. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Claudette Mallia Farrugia biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra il- propjeta taghha;

4. Ghamel lill martu Claudette Mallia Farrugia ingurji u/jew theddid mhux msemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien prrovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta` martu Claudette Mallia Farrugia billi jigu applikati l-provedimenti ta` l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kas ta` htija jigu applikati l-provedimenti ta` l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta;

Il-Qorti hija mitluba ukoll flimkien ma` hrug ta` ordni ta` protezzjoni tohrog ordni ta` trattament li jkun mehtieg fil-konfront ta` l-akkuzat Carmel Mallia u dan ai termini 412D tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Settembru, 2019 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru, 2019 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer Ritianne Sultana Grech fil-Pre-Sentencing Report inserit a fol. 48 et sequitur tal-atti processwali u cioe':

> Ghaldaqstant in vizta tal-akkuzi ta' dan il-kaz odjern u anke l-fatt li Carmel Mallia kien involut diversi drabi mal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali l-Ufficjal tal-Probation qieghda tirrakomanda li l-imputat jinghata Ordni ta' Probation skond l-Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bil-ghan li din il-piena sservi ta' deterrent. Permezz ta' Supervizjoni minn naha tal-Ufficjal tal-Probation Carmel Mallia jkun jista' jigi mghejjun sabiex jghix hajja produttiva u 'l boghod minn atti kriminali.
>
> F' dan il-kaz qed ikun rrakkomandat ukoll li l-ikkoncernat jitpogga taht Ordni ta' Trattament sabiex tkun evalwata s-sitwazzjoni tas-sahha mentali tieghu u eventwalment jiehu l-ghajnuna li jista' jkun hemm bzonn, fosthom anke fir-rigward tal-problema tar-rabja. Jinhass il-bzonn ukoll li l-imputat jifhem sew id-dmirijiet tieghu kif ukoll il-konsegwenzi f' kaz li jonqos li jsegwi d-direttiva moghtija lilu dan dejjem jekk din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' din ir-rakkomandazzjoni.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Rat in-nota prezentata mill-parte civile fis-17 ta' Frar 2020 fejn il-Qorti giet infurmata li l-imputat odjern kien rega' aggredixxa lill-istess parte civile fis-7 ta' Frar 2020 u rega' tressaq b' arrest b' akkuzi simili ghal dawk odjerni u qed jinzamm taht arrest preventiv.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer fil-Pre-Sentencing Report izda kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa recidiv kif ukoll ir-riluttanza tieghu li jikkollabora mal-Probation Officer billi jghidilha il-verita' u kkunsidrat ukoll dak li gabet a konjizzjoni taghha il-parte civile permezz tan-Nota tas-17 ta' Frar 2020 u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha taddotta ir-rakkomandazzjonijiet tal-probation officer biss in parte u cioe' fejn saret rakkomandazzjoni li l-imputat jitpogga that Ordni ta' Trattament that l-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali sabiex jeghleb il-problemi psikologici konnesi mal-anger management u l-konsum tal-alcohol. Fil-fehma tal-Qorti l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun wahda karcerarja effettiva flimkien ma Ordni ta' Trattament.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 221(1), 222(1)(a), 251A(b), 251B(1) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sib lill-imputat hati

tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tnax (12) -il xahar prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht l-Ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' tnax (12) -il xahar millum taht il-kura tal-Psikjatra David Cini u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuna protetta hija Claudette Mallia Farrugia.

**MAGISTRAT**

Graziella Abela

Deputat Registratur